MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 635/2005

**Citadel Insurance plc (C21550)**

**vs**

**Bugeja Constructions Co Ltd. (C12074)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta Marzu 2005, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u erbgha u tletin lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm734.89) rapprezentanti premia dovuta fuq policies 505/HDO/1494, 506/HDO/2677, 506/HDO/2379, 506/HDO/2482, 506/HDO/2481, 506/HDO/3567, 506/HDO/3568, 506/HDO/2379 u 502/HDO/6145;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta ingunta in subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' seba' mija u erbgha u tletin lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm734.69) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjes ta' dina l-istanza a karigu tal-istess socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------